# IT-TIENI PARTI

# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**8 ta' Jannar, 1963**
**Imħallef:**

**Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D**

Maurice Cilia noe

*versus*

Anthony Camilleri, noe et

**Dazju — Rifużjoni ta' — Klassifikazzjoni żbaljata magħmula mill-Kollettur ta' Dwana — Shoe — Slipper — Sandal — Definizzjoni ta' —**

*Meta oġġett jiġi klassifikat mill-kollettur tad-Dwana bħal li kieku kien oġġett soġġett għal rata għola ta' dazju, u dan żbaljatament, allura ikun hemm azzjoni għar-rifużjoni ta' dazju mħallas żejjed taħt protesta. F'dan il-każ kien hemm kwistjoni jekk il-merkanzija kelliex tiġi klassifikata bħala 'slipper', 'sandal' jew 'shoe'.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija — wara li jippremetti illi hu importa kwantità ta' papoċċi (slippers) u fuqhom ġie imġiegħel iħallas dazju eċċessiv, bħal kieku kienu żraben jew sandli li jintużaw għat-triq, u dan għall-ammont komplessiv ta' tliet mija disgħa u sebgħin lira, tmien xelini u sitt soldi (£379-8-6) kif jidher mill-prospett esibit (Dok. A); u illi hu ħallas dejjem taħt protest biex ikun jista' jirtira l-merkanzija, iżda sal-lum il-konvenuti għadhom ma irrestitwewlux id-dazju li huwa ħallas żejjed imħabba l-kriterju eżatt tal-konvenut Camilleri

nomine dwar il-klassifika għall-fini dagonali tal-imsemmija slippers; — jitlob illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) ikun dikjarat u deċiż li t-tip ta' żraben importati minnu huwa dak magħruf bħala papoċċi (slippers), u għalhekk m'għandux jiġi dazjat bħala kieku kienu żraben għall-użu ta' barra (walking shoes); u (2) il-konvenuti nomine jkunu kundannati jħallsu u jirristitwulu s-somma ta' tlett mija disgħa u sebgħin lira, tmien xelini u sitt soldi (£379-8-6) skond il-prospett u għar-raġunijiet fuq riferiti. Bl-imgħax legali u bli-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u dokument minnu prodott miċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti fil-kwalità tagħhom fuq indikata, li biha jeċċepixxu illi l-imsemmi Maurice Cilia ġa iddispona mill-merkanzija u irrealizza l-profitt tiegħu kalkolat fuq id-dazju attwalment imħallas, u għalhekk ma jista' jkollu ebda telf u mhuwiex qiegħed f'pożizjoni li jirrestitwixxi l-ammont li l-klijenti tiegħu ħallsu żejjed jekk jiġi dikjarat minn dina l-Qorti illi l-oġġetti mhumiex dazjabili kif fil-fatt ġew dazjati, illi l-merkanzija ma kienitx tikkonsisti fi "slippers". Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazjoni tal-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti nomine, li biha jeċċepixxu illi għall-partiti li ġew importati mill-attur sat-8 ta' Ġunju, 1956, u li fuqhom tħallas id-dazju sa l-istess data kif jidher speċifikat fid-dokument fol. 5, huma jeċċepixxu l-preskrizzjoni bijennali;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti;

Rat id-digriet tal-11 ta' Novembru, 1958, li biha ġie nominat perit biex jirrelata jekk l-oġġetti importati mid-ditta attriċi humiex "slippers" (papoċċi) jew "shoes" (sandli/żraben) u biex jissottometti wkoll l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat il-proċess verbali tas-seduti miżmuma mill-perit legali u r-relazzjoni tiegħu;

Rat in-nota ta' Eric James Thompson, O.B.E. bħala Accountant General u Direttur tal-Kuntratti, li biha jassumi l-atti tal-kawża minflok Alfred Salomone, O.B.E., nomine;

Rat in-nota ta' l-attur, li biha jirriduċi t-talba għas-somma ta' £358-11-4 indikata fil-protesta fol-34 tal-proċess;

Rat in-nota ta' Richard Soler fil-kwalità tiegħu ta' Accountant General u Direttur tal-Kuntratti, li biha jassumi l-atti tal-kawża minflok Eric James Thompson, O.B.E. nomine, stante illi l-karika ta' Accountant General u Direttur tal-Kuntratti hija llum investita fih;

Rat id-degriet tal-14 ta' Ġunju, 1962, li bih il-proċess ġie rimess lil perit legali, l-Avukat Dr Anthony Pace biex jirrelata jekk l-attur ħallasx effettivament lil konvenut bħala dazju s-somma ta' £379-8-6, kif minnu pretiż u jistabbilixxi kemm l-attur, fit-terminu tal-konklużjonijiet minnu raġġunti fir-relazzjoni preċedenti, kien imissu ħallas lil konvenuti bħala dazju;

Rat il-proċess verbali tas-seduti miżmuma mill-perit legali;

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża u dawk tal-kawża li se tissemma li għalihom saret riferenza;

Ikkunsidrat,

Illi l-attur qiegħed jitlob ir-rifużjoni tas-somma komplessiva ta' £379-8-6 mingħand il-konvenuti nomine li hu jippretendi li ġie minnhom imġiegħel li jħallas bħala dazju eċċessiv fl-importazzjoni, fil-perijodu bejn l-20 ta' April, 1954, u s-7 ta' Diċembru, 1957, ta' kwantità ta' papoċċi (slippers) b'konsegwenza ta' kriterju errat tal-konvenut Camilleri dwar il-klassifika tal-imsemmija slippers għal fini doganali; liema rikonoxxut mill-konvenuti, kif ġie verbalizzat fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 1961. Il-konvenuti jopponu d-domandi ta' l-attur għarraġunijiet indikati fl-eċċezzjonijiet tagħhom, il-konvenuti jeċċepixxu wkoll li għall-azzjoni ta' l-attur, relativament għall-partiti li ġew importati sat-8 ta' Ġunju, 1956, tosta l-preskrizzjoni bijennali kontemplata fl-artikolu 1070 tal-Kodiċi Ċivili, billi jissottometti li l-azzjoni intentata mill-attur tammonta għal dik ta' ripetizzjoni ta' indebitu;

Illi kif ġie verbalizzat fis-seduta tat-13 ta' Diċembru, 1962, il-konvenuti rtiraw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fuq imsemmija u għalhekk ma hemmx lok għal pronunzjament rigward din l-eċċezzjoni;

Illi rigward l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut l-istess mhix sostenibili, u dan għar-raġunijiet svolti minn dina l-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza fil-kawża in re "Cilia vs Camilleri" (ċitaz. nru. 452/58) deċiża fil-21 ta' Marzu, 1960 a parti wkoll, li fil-każ in disamina, skond ma hu xehed, l-attur, ma biegħx, jew almenu ma kienx biegħ sa meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, il-merkanzija kollha minnu mportata;

Illi rigward l-eċċezjoni l-oħra, ċioè li l-merkanzija ma kienitx tikkonsisti fi "slippers" (papoċċi), sollevata mill-konvenuti, il-perit legali issottometta li l-liġi (Kap. 60) tikkontempla primarjament żewġ kategoriji prinċipali ta' "footwear"

għal skopi doganali: (a) "boots, shoes, sandals, slippers, clogs and overshoes" li fihom jidħlu l-materjali tradizzjonali ta' "footwear", ċioè n-nagħal jew il-ġild, (b) "boots, shoes, etc ..." li fihom ma tidħol ebda parti ta' nagħal jew ġild; li mentri għall-ewwel kategorija l-unika suddiviżjoni li tagħmel il-liġi hija skond il-kejl tal-artikoli, indipendentement mill-fatt humiex "shoes and sandals" jew humiex "slippers", għat-tieni kategorija, ċioè għal dik fejn jidħol il-footwear kollu li ma għandu ebda parti minnu tal-ġild jew nagħal, il-liġi tagħmel diversi suddiviżżjonijiet, kull waħda b'rata ta' dazju differenti u għalhekk tikklassifika separatament, a parti klassifikazzjonijiet oħra li ma jinteressawx il-kwistjoni f'din il-kawża: (a) shoes and sandals with soles of ordinary commercial rubber; (b) shoes and sandals with soles of rope; (c) slippers without heels of rope; (d) slippers: other kinds; li darba li fil-liġi, a parti l-klassifikazzjonijiet u suddiviżjonijiet fuq imsemmija, ma hemm ebda definizzjoni ta' "boots, sandal u slipper", wieħed għandu jinterpreta dawn il-kliem bis-sens li fil-lingwaġġ komuni jiġi lilhom mogħti, konformament mad-definizzjoni li notorjament tiġi mogħtija mill-industrija kalzaturiera; li għalhekk "boot" u "shoe" huma dawk il-"footwear" li jgħalqu kompletament is-sieq sija minn taħt kemm minn fuq, u magħmula b'materjali fermi (mhux neċessarjament nagħal u ġild) għax huma intiżi għall-użu kontinwu fuq diversi superfiċji ħorox, u biex jipproteġu l-wiċċ tas-sieq f'diversi kondizzjonijiet klimatiċi. L-użu speċifiku li għalih jiġi manufatturati huwa użu estern, però l-fatt li l-maġġoranza tan-nies, speċjalment ta' klassijiet soċjali aktar baxxi għal raġunijiet ta' ekonomija jagħmlu użu minnhom anke fid-dar, ma jbiddlux in-natura tagħhom u ma jsirux "slippers". Il-perit fisser x'inhuwa kemm "sandal" u kemm "slipper", u ta r-raġuni għaliex is-"slipper" għalkemm l-użu speċifiku li għalih oriġina kien intern dan l-użu barra mid-dar illum sar pratika ġeneralissima, għal raġunijiet ta' ekonomija f'ċerti każi u għal raġunijiet ta' komodità u pratiċità f'każi oħra, speċjalment fil-pajjiżi meridjonali u fl-

ispjaġeġ; u żied jissottometti li b'daqshekk din ma hija ebda raġuni biex dak li ġie fabbrikat bħala "slipper" jiġi konsidrat "shoe": daqstant ieħor kienet tkun ġustifikata li dak li ġie fabbrikat bħala "shoe" jiġi kunsidrat "slipper" għax isir minnu użu intern fid-dar. In bażi għal dawn il-konsiderazzjonijiet minnu sottomessi, il-perit ġie għall-konklużjoni segwenti rigward il-merkanzija in kwistjoni importata mill-attur li tikkonsisti maġġorarment f'diversi samples parti "assorted" u parti numerati 7, 9, 10, 11, 12, 16, 17, u 18, ċioè: is-sample numru 7 ma għandux jiġi, kif ġie klassifikat mill-konvenut Camilleri bħala shoe or sandal u dazjat bir-rata ta' 15% ad valorem, u kellu jiġi dazjat bir-rata ta' 8d-il par; is-samples numri 9, 10, 11 (dawn ta' l-aħħar il-perit irrelata fuqhom fir-rapport fil-kawża 'l fuq imsemmija, u għamel riferenza għall-istess rapport) u 12 lanqas ma kellhom jiġu klassifikati bħala shoes or sandals imma bħala slippers; is-samples numri 16, 17 u 18 ġew erratament klassifikati mill-istess konvenut bħala boots, u kellhom jiġu klassifikati bħala "slippers";

Illi ħadd mill-kontendenti ma għamel xi osservazzjoni rigward il-konklużjoni raġġunta mill-perit legali; u dina l-Qorti ma ssibx raġunijiet li għalihom jidhrilha li għandha tiddipartixxi mill-istess konklużjoni, li tiġi għalhekk adottata. In bażi għal din il-konklużjoni l-attur esibixxa prospett li juri kif jissottometti, id-dazju li hu ħallas żejjed "under protest" lill-konvenut Camilleri nomine fuq il-merkanzija importata; u kien hawn li l-attur irriduċa fis-somma ta' £358-11-4 dik minnu domandata fiċ-ċitazzjoni, għaliex skond il-konsiderazzjonijiet sottomessi mill-perit ċerti samples ġew korrettament klassifikati mill-imsemmi konvenut, u għal xi oħrajn ġie konstatat li dazju mħallas żejjed ma kienx fl-ammont kif pretiż mill-attur. Għalhekk kif ġie verbalizzat fis-seduta tat-3 ta' Diċembru, 1962, quddiem il-perit legali l-konvenuti ssottomettew li din l-aħħar somma in bażi tal-prospett imsemmi ta' l-attur, għandha tkun ta' £350-9-8, kif jidher mill-prospett eżibit min-

nhom. L-attur iddikjara li jaċċetta dan l-aħħar prospett eżibit mill-konvenuti, b'mod li hu aċċetta li d-dazju żejjed minnu mħallas "under protest" lil konvenut Camilleri nomine huwa fis-somma msemmija ta' £350-9-8. Dina l-Qorti hija tal-fehma li in bażi għall-konklużjoni tal-perit legali 'l fuq imsemmija, li ġiet adottata, din hija s-somma li l-attur ħallas żejjed "under protest" biex ikun jista' jirtira l-merkanzija lil konvenut Camilleri nomine;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċiedi billi (1) tilqa' l-ewwel domanda fis-sens li tiddikjara li t-tip ta' żraben importati mill-attur huwa fil-parti l-kbira dak magħruf bħala papoċċi (Slippers) u għalhekk ma għandux jiġi dazjat bħala kieku żraben għall-użu ta' barra (walking shoes); u (2) tilqa' t-tieni domanda limitatament għas-somma ta' £350-9-8 u tirrespinġiha għall-kumplament. L-interessi legali mitluba fuq is-somma msemmija ta' £350-9-8 għandhom jiddekorru mil-lum. L-ispejjeż jitħallsu kwantu għal dodiċeżima parti mill-attur u kwantu għall-parti rimanenti mill-konvenuti nomine.